27 ta' Ġunju, 1953.

Imħallef:
L-Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.

Nobbli Gioacchino dei Baroni Attard Montalto
*versus*
Onor. Edgar Cuschieri, O.B.E. ne. (*)

**Esproprijazzjoni — Atti "Jure Imperii" — Terminu — Rinunzja — Dekadenza — Art. 8 (1) u (2) u Art. 11 (1) tal-Kap. 136.**

*L-esproprijazzjoni ta' art għal utilità publika tikkostitwixxi att li jiġi magħmul mill-awtorità "jure imperii". U kif id-dritt ta' l-awtorità, li tesproprija art għal skop publiku, mhux sindakabili mill-Qrati sakemm jiġi eżerċitat mill-awtorità kompetenti u fil-forma preskritta mill-liġi, hekk ukoll hija insindakabili l-eżekuzzjoni ta' dak id-dritt, li hija parti u kaġa waħda ma' l-istess dritt.*

*Il-leġislatur ma riedx jikkoartta, kif seta', il-libertà ta' l-awtorità kompetenti fl-eżerċizzju tad-drittijiet lilha konferiti f'materja ta' esproprijazzjoni; u għalhekk mhux konċepibili kif il-privat jista' jindaħal biex jillimita dak l-eżerċizzju. B'mod li l-privat ma jistax jitlob li jiġi prefiss lill-awtorità, li tkun ħarġet l-ordni ta' l-esproprijazzjoni, terminu biex teżegwixxi dak l-ordni, u li l-awtorità tiġi ntiża li rrinunzjat jew iddekadiet mid-dritt ta' l-esproprjazzjoni jekk ikun għadda inutilment dak it-terminu.*

*Aktar minn dritt, l-esproprijazzjoni hija dover; u għalhekk, sakemm tibqa' tissussisti l-utilità li mmotivat l-ordni ta' l-esproprijazzjoni, l-awtorità ma tistax tirrinunzja għal dak id-dritt. U jekk ma tistax tirrinunzja espressament, lanqas jista' jkun hemm rinunzja impliċita jew preżunta.*

*U' lanqas hu l-każ li l-awtorità tiġi dikjarata dekaduta minn dak id-dritt; għaliex id-dekadenza hija ekwipollenti għar-rinunzja.*

Il-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-atturi, premessi d-dikjarazzjonijiet kollha neċessarj: u mogħtija l-provvediment

---

(*) Minn din is-sentenza sar appell, li ġie deċiż fit-22 ta' Frar, 1954.

kollha opportuni, peress illi b'dikjarazzjoni ta' l-Eċċellenza Tiegħu l-Gvernatur, ta' bla data, li ġiet publikata b'Notifikazzjoni tal-Gvern nru. 576/52, ġie dikjarat li biċċa art, talkejl ta' 120 qasba kwadra atta għall-bini u 21 qasba kwadra ta' art mogħxa, li tmiss minn nofs inhar ma' Triq San Pawl, mill-punent ma' proprjetà tan-Nobbli Joseph Attard Montalto, LL.D., u oħrajn, u mil-lvant ma' proprjetà tas-Sur Carmelo Borg. hija meħtieġa mill-awtorità kompetenti għal skop publiku; u illi l-akkwist ta' dik l-art għandu jkun b'xiri assolut; u peress li l-Prim Ministru kien iddikjara li x-xiri sejjer isir "to preserve a beautiful view" (dok. A); u li, non ostante l-insistenza ta' l-atturi u l-kawża fl-istess ismijiet introdotta b'ċitazzjoni nru. 675M. ta' l-1952, differita għas-seduta tat-30 ta' Mejju 1953, il-konvenut ma għamel ebda att biex jinnotifika dik id-dikjarazzjoni lill-atturi jew in-"Notice to Treat", u lanqas ma ppreżenta fir-Reġistru ta' dawn il-Qrati kopja tad-dikjarazzjoni tal-Gvernatur skond is-sezzjoni 8 (2) u 11 (1) tal-"Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance", b'mod li, mentri l-atturi jinsabu impediti li jużaw u jispekulaw l-art, il-Gvern qiegħed jinqeda fl-iskop tiegħu li jħalli libera l-veduta, mentri ma qiegħed jieħu l-ebda pass biex jesproprija l-art u jħallas lill-atturi l-kumpens dovut; talbu li lill-konvenut nomine jiġi prefiss żmien qasir u perentorju biex ikompli l-proċeduri ta' l-esproprijazzjoni u jġib il-kawża quddiem il-Board ta' l-Arbitraġġ dwar l-Artijiet, biex ikun fissat il-kumpens dovut lill-atturi; b'mod li, jekk jiskorri inutilment il-perijodu prefiss, għandu jiġi intiż li l-konvenut irrinunzja għall-esproprijazzjoni ta' l-istess art. Bl-ispejjeż, u bir-riżerva ta' l-eċċezzjonijiet kollha ta' l-atturi in kwantu biċċa mill-proprjetà tagħhom ġiet deskritta erroneament bħala art mogħxa u in kwantu għall-kumpens għad-deprezzament ta' l-art rimanenti u retrostanti, kif ukoll tad-danni mitluba biċ-ċitazzjoni fuq imsemmija nru. 675M. ta' l-1952, u ta' danni oħrajn li qegħdin jiġu kaġunati bid-dewmien tal-konvenut, kontra l-konvenut, li jibqa' mħarrek għas-subizzjoni;

*Omissis;*

Ikkunsidrat, dwar il-preġudizzjali opposta mill-konvenut;

Illi, qabel xejn, ta' min jirrileva li pratikament il-meritu tal-kawża jinsab eżawrit, billi, skond ma ddikjaraw l-atturi fil-verbal *fol.* 16, fid-29 ta' Mejju 1953 huma ġew notifikati bid-dikjarazzjoni mill-Eċċellenza Tiegħu l-Gvernatur, rikjesta mil-liġi għall-finijiet ta' l-esproprijazzjoni ta' l-art in kwistjoni, u b'hekk jidher li l-proċeduri meħtieġa sejrin jitkomplew. Iżda, b'dan kollu, l-atturi ma rrinunzjawx għall-meritu tal-kawża, u għalhekk il-Qorti jkollha tidħol fih, jekk mhux għal ħaġ'oħra, għad-deċiżjoni tal-kap ta' l-ispejjeż;

Illi l-atturi talbu li jiġi prefiss lill-konvenut żmien qasir u *perentorju* biex ikompli l-proċeduri ta' l-esproprijazzjoni u jġib il-kawża quddiem il-Board ta' l-Arbitraġġ dwar Artijiet, biex ikun fissat il-kumpens dovut lill-atturi. Il-konvenut oppona għal dina l-prefissjoni, peress li l-pretiż terminu mhux ġustifikat minn ebda liġi, trattandosi ta' att eżerċitat minnu "jure imperii";

Illi, fid-dibattitu orali, id-difensuri qablu li l-esproprijazzjoni ta' art għal utilità publika tikkostitwixxi att "jure imperii". Minn dan il-konvenut jiġbed il-konsegwenza li dak l-att mhux sindakabili dment li jkun sar skond il-liġi. L-atturi ma jippretendux li dak l-att ma ġiex magħmul mill-awtorità kompetenti, u lanqas li l-att ma sarx bil-formalitajiet preskritti mil-liġi; iżda jobbjettaw li dik l-awtorità, ladarba eżerċitat dak id-dritt, ma tistax tħalli sospiża indefinitament l-eżekuzzjoni tiegħu;

Illi, indubbjament, dina l-eżekuzzjoni hija parti u ħaġa waħda ma' dak id-dritt, u jekk dana d-dritt fl-eżerċizzju tiegħu mhux sindakabili, mhux spjegabili kif jistgħu jiġu sindakati l-mod u ż-żmien li fihom l-atti relativi jiġu adempiti. Dawn jikkostitwixxu l-parti aċċessorja, li, skond ir-regola, għandha ssegwi l-ħaġa prinċipali;

Illi, del resto, kif sewwa josserva l-konvenut, il-liġi ma imponiet ebda terminu lill-awtorità kompetenti fl-eżerċizzju u fl-eżekuzzjoni ta' dana d-dritt, lilha biss konferit. Difatti, skond l-art. 8 (1) tal-Kapitlu 136, kull meta l-Gvernatur jiddikjara li l-art hija meħtieġa għal skop publiku, l-awtorità kompetenti tordna li kopja ta' dik id-dikjarazzjoni tiġi publikata fil-Gazzetta tal-Gvern, u mill-anqas f'żewġ gazzetti lokali,

kif ukoll bnadi oħra hemm speċifikati. Skond l-istess art. 8 (2), dik l-awtorità tippreżenta kopja ta' dik id-dikjarazzjoni fir-Reġistru tal-Board relativ u tinnotifika lis-sidien u lil kull min għandu interess fl-art espropriijata — u dan bla ebda limitazzjoni ta' żmien. Imbagħad, skond l-art. 11 (1), maddikjarazzjoni hekk notifikata, jew warajha mil-aktar fis li jista' jkun, l-awtorità kompetenti għandha tagħti avviż lissid (imsejjaħ "Avviż għall-Ftehim") rigward il-kumpens, u anki hawn iż-żmien mhux limitat, u evidentement imħolli fid-diskrezzjoni ta' dik l-awtorità;

Illi minn dana jidher li l-leġislatur ma riedx jikkoarta, kif seta', il-libertà ta' l-awtorità kompetenti fl-eżerċizzju taddrittijiet lilha konferiti, u għalhekk mhux konċepibili kif il-privat jista' jindaħal biex jillimita dak l-eżerċizzju (ara każ analogu riportat fil-Kollezzjoni, Vol. XIX, Parte I, paġ. 141);

Illi minn dan tinżel ukoll il-konsegwenza li t-tieni domanda ma tistax treġi. L-atturi, difatti, jippretendu li, fil-każ li ż-żmien talvolta prefiss lill-konvenut biex ikompli l-proċeduri għall-espropriijazzjoni jiskorri inutilment, għandu jiġi ntiż li hu rrinunzja għal dik l-espropriijazzjoni. M'hemmx dubju li l-espropriijazzjoni hija att ta' l-Awtorità Sovrana ("Fatto del Principe"), eżerċitat fl-interess tal-kollettività, għallutilità li dina tidderiva. Aktar minn dritt, dana huwa dover; u għalhekk, sakemm dik l-utilità tissussisti, l-awtorità ma tistax tirrinunzja għall-espropriijazzjoni. "Il diritto soggettivo, corrispondente ad una funzione pubblica che mira a raggiungere uno scopo che interessa tutta la comunanza organizzata a stato, è essenzialmente un 'jus cogens', come nota il Vanni; e colui al quale questo diritto compete, non ha, come nei diritti che interessano esclusivamente i suoi fini individuali, il potere di compiere o no gli atti che si presentano come mezzi adeguati al raggiungimento dello scopo; ma ha il dovere di compierli, e di compierli unicamente per raggiungere, in conformità alla norma che gli conferisce il potere, gli scopi per cui questo gli viene riconosciuto e garantito" (Atzeri-Vacca, Delle Rinunzie, § 220);

F'dan is-sens hija wkoll il-ġurisprudenza tagħna (Kollez. XXXI—I—398);

Illi, jekk mhix ammissibili rinunzja espressa, lanqas tista' tingħata rinunzja impliċita jew preżunta; għaliex identiċi huma l-motivi li jeskludu ż-żewġ speċi ta' rinunzja;

Illi, jekk imbagħad it-tieni domanda tittieħed bħala li timporta *dekadenza mid-dritt* li titkompla l-esproprijazzjoni, jibqgħu applikabili dejjem il-prinċipji fuq esposti, għaliex id-dekadenza hija ekwipollenti għal rinunzja (Kollez. XIII, 116, u XVI—II—335);

Illi, taħt dawn iċ-ċirkustanzi, il-provi offerti mill-attur huma irrilevanti;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, u konsegwentement tiċħad id-domandi ta' l-atturi; bl-ispejjeż.